

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/887

tat-2 ta' Ġunju 2016

li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, b'żiejaq tal-awrina u msaren ittrattati

(notifikata bid-dokument C(2016) 3215)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum mill-bniedem ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-frażi introdutturja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8, il-punt (4) tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(4)(c) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ⁽²⁾ tistabbilixxi, fost l-oħrajn, il-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, b'żiejaq tal-awrina u msaren ittrattati li għaddew minn wieħed mit-trattamenti stipulati fil-Parti 4 tal-Anness II tiegħu ("il-prodotti"), inkluża lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet mit-territorji tagħhom, li minnhom l-introduzzjoni fl-Unjoni tal-prodotti hija awtorizzata.
- (2) Meta pajjiżi terzi jiġu reġjonalizzati biex jiġu elenkati fid-Deċiżjoni 2007/777/KE, il-partijiet reġjonalizzati tat-territorju tagħhom jiġu elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II tagħha.
- (3) Il-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet mit-territorji tagħhom minn fejn l-introduzzjoni tal-prodotti fl-Unjoni hija awtorizzata, sakemm il-prodotti jkun sarillhom it-trattament relevanti msemmi f'dik il-Parti tal-Anness II. Dawk it-trattamenti huma mmirati biex jeliminaw ċerti riskji tas-saħħa tal-annimali marbuta mal-prodotti speċifiċi. Il-Parti 4 ta' dak l-Anness jistabbilixxi t-trattament "A" li mhuwiex speċifiku u t-trattamenti "B" sa "F" li huma speċifiċi, li qegħdin elenkati skont is-severità tar-riskju għas-saħħa tal-annimali marbut mal-prodott speċifiku, fejn it-trattament "B" huwa marbut mal-aktar riskju sever u t-trattament "F" mal-inqas wieħed sever.
- (4) L-Arġentina u l-Brażil talbu li jiġu elenkati fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE kif inhuma awtorizzati għall-introduzzjoni ta' prodotti ta' annimali bovini domestiċi minn kull parti tat-territorju tagħhom li hija diġà awtorizzata għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' laħam frisk mill-istess speċi ta' annimali kif deskritt fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ⁽³⁾.
- (5) Peress li l-prodotti li jidħlu fl-Unjoni għandhom jiġu soġġetti għal trattament stabbilit fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, id-deskrizzjoni tat-territorji mqasma f'reġjuni tal-Arġentina u l-Brażil għall-prodotti, imsemmija AR-1, AR-2 u BR-2 fil-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, għandha tiġi emendata sabiex tiġi allinjata mar-reġjonalizzazzjoni li tapplika għall-Arġentina u l-Brażil għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali bovini domestiċi kif inhu deskritt fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

⁽¹⁾ ĠUL 18, 23.1.2003, p. 11.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, b'żiejaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠUL 312, 30.11.2007, p. 49).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jstabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikolari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠUL 73, 20.3.2010, p. 1).

- (6) Barra minn hekk, il-Brażil talab biex żona ġdida tal-Brażil tiġi awtorizzata għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti li jkunu nkisbu minn annimali domestiċi bovini u soġġetti għat-trattament speċifiku "B", kif stabbilit fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE. Meta jitqies li dik iż-żona tagħmel parti mit-territorju tal-Brażil li hija rikonoxxuta bħala ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer (FMD) ⁽¹⁾ mingħajr tilqim mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (l-OIE) u l-applikazzjoni tat-trattament speċifiku "B" lill-prodotti kkonċernati, dik iż-żona għandha tkun awtorizzata għall-introduzzjoni tal-prodotti fl-Unjoni.
- (7) Għalhekk, dik il-parti tat-territorju tal-Brażil għandha tiġi elenkata fil-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE bħala BR-4. Kunsinni ta' prodotti miksuba minn annimali bovini domestiċi mill-parti tal-Brażil deskritta bħala BR-4 għandhom ikunu awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni, soġġetti għat-trattament speċifiku "B" kif stabbilit fil-Parti 4 ta' dak l-Anness u, għalhekk, BR-4 għandha tiġi elenkata fil-Parti 2 ta' dak l-Anness.
- (8) Għalhekk, il-Partijiet 1 u 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għandhom jiġu emendati skont dan.
- (9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2016.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ <http://www.oie.int/en/animal-health-in-the-world/official-disease-status/fmd/list-of-fmd-free-members/>

